# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 414/2015 SM**

**Dr. Stephen Muscat (I.D. 420772 M)**
**bhala mandatarju specjali ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-socjeta` estera**
***Skandinaviska Enskilda Banken AB***

**vs.**

***Jens Patric Mattias Wistrand***
**(I.D. 70565A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-6 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi din il-procedura hi inizjata *ai termini* tar-Regolamenti Numru (EC) 44/2001 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea datat it-22 ta’ Dicembru, 2000, kif sussegwentement emendat u rez applikabbli f’Malta;

1.2. Illi r-rikorrenti *nomine* inghata prokura specjali datata l-10 ta’ Dicembru, 2014, biex jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` mandatrici fuq indikata;

1.3. Illi b-sentenza ta’ l-awtorita` skandinava indikata fl-istess rikors promotur fl-ismijiet hemm ukoll indikati, l-intimat gie dikjarat debitur tas-socjeta` rapprezentata mir-rikorrenti *nomine* fl-ammont ta’ wiehed u tletin elf, tlett mija u sebgha u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu, (€31,397.44), oltre l-interessi annwali fuq l-istess ammont bir-rata ta’ 8.1%, u l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal tmienja u sittin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€68.86), (ara foll 7);

1.4. Illi s-sentenza in dizamina hi ezegwibbli fl-Isvezja;

1.5. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu interess li jezegwixxi s-sentenza *de quo* kontra l-intimat li hu residenti ordinarju f’Malta;

1.6. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara ezegwibbli u tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq riferita biex ir-rikorrenti *nomine* jkun jista` jesigi l-hlas ta’ €31,397.44, bl-imghaxijiet mill-21 ta’ Marzu, 2011, sal-gurnata tal-pagament effettiv, flimkien ma’ €68.86 spejjez gudizzjarji;

1.6.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat;

2. Rat id-dokumenti kollha esebiti mir-rikorrenti *nomine*;

3. Sodisfatta li n-notifika tar-rikors promotur u ta’ l-avviz relattiv ghas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat bil-procedura ta’ l-affissjoni skont il-ligi, (ara foll 47, 53 u 54);

4. Sodisfatta wkoll li d-dokumenti esebiti jissodisfaw ir-Regolamenti tal-Kunsill ta' l-Ewropa fuq riferiti, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel;

5.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tiddikjara li s-sentenza fuq riferita, pronunzjata mill-awtorita` skandinava involuta fl-ismijiet *Enskilda Banken* vs. *Wistrand Jens Patric Mattias*, datata t-28 t'April, 2011, tigi ezegwita f'Malta u ghalhekk tawtorizza lir-rikorrenti *nomine* jkun jista` jezigi l-hlas ta' €31,397.44, bl-imghaxijiet relattivi mill-21 ta' Marzu, 2011, sad-data tal-pagament effettiv, u dan, flimkien ma' l-ammont ta' €68.86 spejjez gudizzjarji;

5.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**